# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 5 ta' Frar 2001**

**Numru 3**

**Avviz numru 1228/00mm**

**Atlas Insurance Agency Ltd u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance PLC ga Guardian Royal Exchange, PLC kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet ta' l-assigurata Eche Ltd u f'isimha proprju**

**vs**

**Paul Bartolo**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mis-socjeta' attrici fil-11 ta' Settembru 2000 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' Lm791 (seba mija u wiehed u disghin lira Maltin) danni mhallsa mill-attur nomine fuq vettura NAI 777 assikurata *comprehensive* hlief ghall-mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm125) excess u ghal liema somma l-attur

nomine jinsab surrogat fid-drittijiet ta' Eche Ltd u dan b'rizultat ta' habta li grat fit-22 ta' Dicembru 1998 go San Giljan waqt li huwa kien qed isuq il-vettura EAB 128 habat mal-vettura NAI 777 proprjeta' ta' Eche  Ltd u misjuqa minn Naomi Grech u ghal liema ncident huwa kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tat-3 ta' Dicembru 1999 u tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Mejju 2000, u, bl-imghax tat-8% fuq Lm791 mit-3 ta' Dicembru 1999 sal-hlas effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni u bl-ispejjez tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Settembru 2000 kontra GasanMamo Insurance Agency Ltd assiguraturi tal-konvenut.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' dan l-avviz u li gara fit-22 ta' Dicembru 1998 gewwa San Giljan waqt li l-assikurata tal-attur, Naomi Grech, kienet qed issuq il-vettura numru NAI 777 u l-eccipjenti kien qed isuq il-vettura EAB 128, ma garax tort u htija ta' l-eccipjenti, izda gara unikament tort ta' Naomi Grech li naqset milli ssuq skond ir-regolamenti tat-traffiku u dana kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort u htija tal-eccipjenti, l-ebda ammont ma huwa dovut lis-socjeta' attrici in linea ta' danni u ghalhekk it-talbiet taghha ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara B'Kara Road, San Giljan kantuniera ma' Triq il-Kuccard bejn il-vettura NAI 777 tat-tip Renault misjuqa minn Naomi Grech u l-vettura EAB 128 van misjuq mill-konvenut Paul Bartolo.

Irrizulta illi l-karozza misjuqa minn Grech hija assikurata b'polza tat-tip *comprehensive* mas-socjeta' attrici, wara illi gie rrappurtat dan l-incident, sar *survey* u abbazi ta' dan is-survey saru t-tiswijiet, thallsu, u s-socjeta' assikurata hallset mija hamsa u ghoxrin lira bhala excess.

Irrizulta mill-provi illi l-karozza NAI 777 kienet gejja mill-Imriehel fid-direzzjoni ta’ San Gwann u riedet iddur lejn ix-xellug fi Triq il-Kuccard. Naomi Grech qalet illi rat dan il-van quddiemha illi kien double parked u ghalhekk ghaddiet minn magembu u bdiet iddur lejn ix-xellug wara illi kienet xeghlet l-indicator. Dan l-indicator kien ilu mixghul xi zmien. Qalet ukoll illi harset fil-mera tax-xellug u rat dan il-van wieqaf fit-triq, pero’ hekk kif bdiet iddur hasset il-kollizzjoni fuq in-nahha tax-xellug tal-karozza, fil-fatt gew danneggjati z-zewg bibien u *mudguard* ta’ wara tal-karozza.

Minnahha l-ohra l-konvenut Bartolo jghid illi ma kien *double parked* xejn. Kien gej mill-istess direzzjoni ta’ l-Imriehel u ried ukoll idur lejn Triq il-Kuccard. Veru illi huwa naqqas hafna l-velocita’ tal-vettura tieghu u zamm kemm jista jkun lejn ix-xellug, xeghel *l-indicator* u hekk kif beda jdur lejn Triq il-Kuccard  giet il-karozza l-ohra misjuqa minn Grech, qatghat quddiemu u baqa’ diehel fiha fejn gew kawzati l-hsarat fuq il-mudguard ta’ quddiem u l-bumper tal-lemin. Il-konvenut ukoll ighid illi huwa xeghel l-indicator ftit qabel il-pompa tal-petrol illi hemm fil-kantuniera tal-block.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta’ dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti ssib illi ghandha x’ticcensura fis-sewqan ta’ l-assikurata tas-socjeta’ attrici Naomi Grech. Dina kellha l-obbligu illi tassigura illi waqt illi qieghdha ddur lejn ix-xellug ma jkun hemm hadd illi tista tostakola b’din il-manuvra taghha kemm fuq ix-xellug u kif ukoll fuq il-lemin. Grech kellha l-vantagg illi t-triq hija *one way* favur id-direzzjoni illi kienu sejrin, quindi kellha tassigura illi fuq ix-xellug taghha ma jkun hemm hadd, peress illi skond l-isketch jidher illi hija zammet lejn in-nofs tat-triq, u ghalhekk kien ferm probabbli illi fuq in-nahha tax-xellug taghha kien ser ikun hemm xi hadd. Wara kollox hi ukoll xehdet illi rat dan il-van li skond hi kien wieqaf magemb it-triq, ghalhekk kellha aktar obbligu illi tassigura illi dan il-van jibqa’ fejn hu u  ma kienx sejjer jiccaqlaq b’tali mod illi tostakolalu l-passagg. Minnahha l-ohra l-konvenut kien qieghed fuq ix-xellug estrem tat-triq u ma kellux problemi partikolari biex idur lejn ix-xellug. Fuq ix-xellug tieghu kellu biss karozzi pparkjati u kien qed izomm distanza qasira bizzejjed, bejnu u bejn il-vetturi pparkjati biex zgur ma jkun hemm hadd bejniethom, ftit qabel kien xeghel l-indicator biex idur lejn ix-xellug ghal Triq il-Kuccard. Sa hawn ma kellux diffikultajiet partikolari u lanqas xi prekawzjonijiet partikolari x’jiehu biex

jassigura li ma jkun hemm hadd fit-triq fuq in-nahha tax-xellug peress li minn hemmhekk zgur li hadd ma kien ser jaqalghu. Minnahha l-ohra Naomi Grech kellha obbligu akbar minn dak tal-konvenut, peress illi hija kienet aktar lejn in-nofs tat-triq, u kienet ser taqsam karreggjata fejn possibilment setgha kien hemm vetturi ohra, fejn fil-fatt li kien hemm. Grech xehdet illi l-van kien wieqaf pero' l-Qorti jidhrilha illi Grech ghamlet kalkolu hazin u forsi ma ndunatx illi dan il-van kien fil-fatt *in motion* pero' bil-mod hafna u ghalhekk meta daret lejn ix-xellug hija qasmet il-karreggjata tieghu b'mod li ssorprendietu u hu baqa' diehel u gew ikkawzati d-danni kif inghad. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi ghal dan l-incident ghandha tahti Naomi Grech illi ma qaghditx attenta ghar-regolamenti tat-traffiku meta giet biex iddur minn triq principali ghal triq sekondarja. F'dan il-kuntest il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza <u>Hugh P Zammit Noe vs Raymond Debono</u> deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Ottubru 1995 fejn il-Qorti tenniet li meta sewwieq ikun ser jikser ghal go side street mhuwiex bizzejjed illi jaghmel sinjal, izda jrid jara wkoll illi dawk illi qed isuqu warajh ikunu fehmu s-sinjal u rreagixxew ghalih. Grech ma jidhirx illi osservat dan ir-regolament meta giet biex iddur minkejja li kienet taf li fuq ix-xellug taghha kien hemm karozza ohra, ma jidhirx li ndunat illi din il-karozza kienet *in motion,* u b'hekk gara dan l-incident.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talbiet tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra taghha.

Anthony Zammit

Dep Reg